MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 113/2010/1

**Joseph Gouder u Daren Gouder**

**vs**

**Paul Zammit**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Mejju, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

**"**Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat minn Paul Zammit nhar it-18 ta' Marzu 2010 fejn espona s-segwenti:-

"*Illi dan ir-rikors qed isir ai termini ta' l-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijieat ta' Malta.*

*Illi l-esponenti gie notifikat b'Mandat ta' Sekwestru bin-numru 785/2010 fl-ismijiet hawn fuq premessi in esekuzzjoni ta' l-ittra ufficcjali ezekutiva de quo, u dan fl-1 ta' Marzu 2010, f'liema data dan il-Mandat gie esegwit fir-residenza tal-esponent.*

*Illi l-esponenti jikkontendi li l-ittra ufficcjali esekuttiva de quo hija nulla u bla effett u dan statne illi r-rekwiziti mandatorji ta' l-Artikolu 166A (2) ma gewx rispettati , senjatament id-dikjarazzjoni ta' fatti illi fl-att imsemmi hija totalment assenti:*

*Illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddikjara l-ittra de quo bhala nulla, konsegwentement il-Mandat ta' Sekwestru hawn fuq imsemmi jkun null u bla effett fil-ligi*."

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti :-

"*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficcjali esekuttiva 6466/09 fl-ismijiet joseph Gouder u Daren Gouder vs Paul Zammit hija nulla u bla effett fil-liigi, u konsegwentement it-titolu esekuttiv vantat minn Joseph Gouder u Daren Gouder huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi.*

*2. Konsegwentment tiddikjara u tiddeciedi li l-Mandat ta' Sekwestru Numru 785/2010 fl-ismijiet Joseph Gouder u Daren Gouder vs Paul Zamit huwa null u bla effett fil-ligi."*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Malpharma Ltd.*

Rat ir-risposta ta' Joseph u Daren Gouder,ipprezentata nhar il-hamsa t'April, 2010, fejn esponew is-segwenti:-

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti Paul Zammit ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghas-segwenti ragunijiet:-*

*1. Illi l-ittra ufficcjali tissodisfa l-vot tal-ligi f'dak li jirrigwarda l-gurament moghti lill-kredituri mir-registratur, jirrizulta illi l-kontenut ta' l-ittra ufficcjali gie debitament guramentat mnn Daren u Joseph Gouder.*

*2. L-istess jista jinghad ghar-raguni li fuqha kienet imsejsa t-talba, liema raguni ghandha tigi dikjarata b'mod car. Il-ligi <u>ma titlobx</u> raguni <u>dettaljata</u> izda raguni li tkun cara. Fil-fatt jirrizulta mill-ewwel paragrafu illi r-raguni kient it-talba ta' 2,006 euro inkluza VAT ghal hlas in konnessjoni* ***m'appalt ta' njam****. Il-ligi ma tesegix elenku shih ta' f'hiex jikkonsisti dan l-appalt izda raguni cara u hekk sar.*

*3. Il-ligi tesigi wkoll li l-kreditur jinoltra fir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa'. Fil-fatt hekk sehh. L-unika raguni ghalfejn t-talba kellha tintlaqa' hu peress illi d-dejn kien <u>cert likwidu u dovut</u>. Dan jinsab indikat carament fit-tieni paragrafu ta' l-ittra ufficcjali. In oltre raguni ohra li l-kredituri semmew fl-ittra ufficcjali kien il-fatt illi kienu kostretti jipprocedu peress illi d-debitur baqa' inadempjenti milli jhallas, minkejja li gie nterpellat ihallas l-istess ammont indikat fl-ittra ufficcjali.*

*4. L-istess jista' jinghad ghad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn ghat-talba. It-tielet paragrafu jaghmel referenza ghall-fatti li gew dikjarati aktar 'il fuq u cioe' l-ammont ta' 2,006 Euro jipprezenta appalt ta' njam, li l-VAT hija inkluza fl-istess ammont, illi dan l-ammont huwa* ***cert, likwidu u dovut*** *, illi kellha tigi addotata din il-procedura peress illi d-debitur baqa' nadempjenti u li dawn il-fatti huma maghrufa u li halfu l-kontenut ta' l-ittra ufficcjali.*

*Daqstant ghandu l-unur jissottometti ghal gudizzju savju ta' din l-Onorabbli Qorti"*

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin t'April 2010 il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.
Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. Fl-20 ta' Novembru 2009 Joseph u Daren Gouder ta' Caruana Flats, Flat 4, Misrah il-Knisja, B'Bugia pprezentaw ittra ufficjali quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, u nterpellaw lil Paul Zammit sabiex ihallas l-ammont ta' elfejn u sitt Ewro (€ 2006) rapprezentanti hlas in konnessjoni m'appalt ta' njam *liema dejn huwa cert, likwidu u dovut."*

2. Paul Zammit ma pprezentax nota fit-termini tal-Artikolu 166A sabiex jikkontesta l-imsemmija ittra ufficjali.

3. Fl-1 ta' Marzu, 2010 Joseph u Daren Gouder ipprezentaw mandat ta' sekwestru ezekuttiv (785/2010) ghas-somma ta' elfejn u sitt Ewro (€2,006), imghax fis-somma ta' erbghin Ewro u sittax-il centezmu (€40.16) u spejjez fl-ammont ta' mija u disgha Ewro (€109).

It-titolu ezekuttiv li jkollu kreditur bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ghandu jigi dikjarat null u bla effett meta *"...... l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*. Skond l-avukat difensur tar-rikorrenti dan l-artikolu tal-ligi jistipula tlett rekwiziti li ghandhom jigu osservati sabiex ikun hemm validita' fl-ittra ufficcjali u cioe:-

(1.) li l-ittra jkun fiha r-raguni ghat-talba f'kaz ta dejn li ma jeccedix is-somma ta' €23,293.73.

(2.) Ir-raguni ghalfejn ghandha tintlaqa' t-talba, u cioe' ghax id-dejn huwa cert likwidu u dovut; u

(3.) Hemm bzonn li jkun hemm dikjarazzjoni tal-fatti.

**L-Ewwel rekwizit.**

Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tapplika ghal dejn li ma jkunx jeccedi s-somma ta' €23,293.73. Issa minn ezami tal-ittra ufficcjali esebita jirrizulta li l-allegat dejn ta' Paul Zammit jammonta ghal elfejn u sitt Ewro (€2006) u ghalhekk jaqa' fil-parametri ta' dak li tistipula l-ligi. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

**It-Tieni rekwizit.**

Dwar it-tieni rekwizit ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar il-formula u uzu ta' l-ittra ufficcjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12, ghaliex hemm miktub li l-ammont dovut huwa cert likwidu u dovut.

**It-Tielet rekwizit.**

Dwar dan ir-rekwizit jidher li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet. Filwaqt li Paul Zammit isostni li l-ittra ufficcjali ma fihiex dikjrazzjoni tal-fatti kif rikjesta mil-ligi, Joseph u Daren Gouder isostnu li l-kliem "rapprezentanti appalt ta' njam" jammontaw ghad-dikjarzzjoni tal-fatti rikjesta mill-ligi *ad validitatem*.

L-Artikolu 166A jipprovdi li fl-ittra ufficjali: *"ghandu jigi dikjarat b'mod car,* ***taht piena ta' nullità****, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba."* Mela dan hu wiehed mill-htigijiet li tezigi l-ligi u li minhabba fih jista' jhassar titolu ezekuttiv li kreditur jottjeni bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap 12. Fl-ittra ufficjali jinghad li Joseph u Daren Gouder qed jinterpellaw lil Paul Zammit sabiex ihallas elfejn u sitt Ewro (€2006) ***"....dovuti lill-mittenti ghal appalt ta injam u liema dejn huwa cert, likwidu***

***u dovut.”*** Ma jirrizultax li mal-att gudizzjarju ntbaghatet kopja tal-kont.

Jibda biex jinghad li fl-ittra ufficjali jinghad li qeghda tintbaghat *“taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12”* Permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap 12, il-Legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta’ kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zdiedet il-kompetenza ghas-somma ta’ €23,293.73, l-ammont li ghalih tista’ tintuza din il-procedura. Il-Qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha ***“dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”*** Il-kliem ***“in konnessjoni m’appalt ta’ njam”*** m’huwiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha *“dikjarazzjoni tal-fatti”*. Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista’ jottjeni titolu ezekuttiv b’semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunita’ kollha li f’kaz ta’ dubju jipprezenta nota fit-terminu ta’ 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba, u b’hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madankollu tibqa’ l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha ***“dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”*** Madankollu dan ir-rekwizit hu *ad validitatem* u s-sanzjoni hi n-nullita’ tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x’hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f’posizzjoni li jista’ jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f’parti minnha biss. Bla dubju f’dan il-kaz Joseph u Daren Gouder kellhom isemmu fl-ittra ufficjali n-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, fejn sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spjegazzjoni tal-ammont li qeghdin jitolbu fis-sens li jaghtu taghrif dwar ix-xoghol li sar u li tieghu qeghdin jippretendu l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f’dan il-

kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Seta' kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Zammit hu gustifikat. (Vide f'dan ir-rigward ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri, Magistrat Dr. Anthony Ellul nhar il**-**15 ta' Frar, 2010 Rikors Numru. 10/2010/1 wara l-mandat ta' sekwestru esekuttiv prezentat fid-19 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet**:- Noel Sultana Vs Andrew Mercieca**).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda ghar-raguni hawn fuq moghtija:-

1. Tiddikjara nulla l-ittra ufficjali numru 6466/2009 prezentata fl-20 ta' Novembru 2009 minn Joseph Gouder u Daren Gouder kontra Paul Zammit u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv.
2. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 785/2010 fl-ismijiet Joseph Gouder u Daren Gouder kontra Paul Zammit.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**"**

Il-konjugi Gouder appellaw mill-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati li ddikjarat nulla l-ittra ufficcjali taghhom a norma ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 ghal motiv li din kienet nieqsa jew insodisfacenti ghal dak li hu r-rekwizit tad-"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba". Hi s-sottomissjoni ta' l-appellanti bl-aggravju minnhom imressaq illi gjaladarba l-ligi ma tinsistix illi d-dikjarazzjoni tal-fatti tkun elaborata jew dettaljata, l-ittra ufficcjali kif minnhom ifformulata kellha titqies valida in kwantu konformi ghal-ligi;

Il-kwestjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hi dik li tara jekk in-nullita` sollevata ta’ l-ittra ufficcjali hijiex flokha. Hu dettat mis-subinciz (2) ghall-Artikolu 166A tal-Kodici ritwali illi l-ittra ufficcjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta’ nullita` “r-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa’, u dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba”;

Jibda biex jigi osservat in linea ta’ principju generali illi kif jinzel mill-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 in-nullita` ta’ atti gudizzjarji hi komminata ghall-kaz fejn “l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi” [subpara. (d)]. Il-Qorti qeghda tirrileva dan ghaliex, evidentement, il-kaz hawnhekk sottopost huwa wiehed annoverat taht dan is-sub-paragrafu ghall-fatt li jikkoncerna n-nuqqas ta’ wiehed mir-rekwiziti sostanzjali mil-ligi preskritt fil-predett Artikolu 166A (2) ta’ l-istess Kapitolu 12. Mhux dan biss, pero, ghaliex, ukoll, il-materja hi inkwadrabbli fl-ipotesi kkontemplata fis-subpara. (a) ta’ l-istess Artikolu 789 ghal raguni illi x-xorta ta’ nullita` hawn ezaminata hi wkoll hekk “iddikjarata mil-ligi espressament” (“taht piena ta’ nullita`”);

Premess dan, l-atti juru illi in virtu tas-subinciz (5) ta’ l-Artikolu 166A l-appellat talab lill-ewwel Qorti tirrexxindi t-titolu ezekuttiv kostitwit bis-sahha ta’ l-ittra ufficcjali tal-20 ta’ Novembru 2009 notifikata lilu u li l-istess jigi dikjarat null u bla effett ghall-motiv li l-imsemmija ittra ufficcjali ma kienx fiha id-dikjarazzjoni tal-fatti kif hekk jiddisponi l-Artikolu 166A, subinciz (2). L-ewwel Qorti accettatlu din il-proposizzjoni tieghu bil-provvediment opportun u li tieghu issa l-appellanti qeghdin jinvitaw lil din il-Qorti tistharreg jekk tabilhaqq l-ittra ufficcjali taghhom kienetx tikkontjeni d-difett stabbilit, jigifieri, in-nuqqas ta’ dik il-parti kolarita essenzjali espressament mehtiega “tad-dikjarazzjoni tal-fatti”;

Fis-sentenza fl-ismijiet “**Noel Sultana -vs- Andrew Mercieca**”, pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrat (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar, 2010 per Magistrat Anthony Ellul, u fejn ukoll tqajmet kwestjoni konsimili, inghad dan:-

"Il-kreditur ghandu obbligu li fl-ittra ufficcjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'kien jitratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss ... kellu juri n-natura tax-xoghol li qieghed jitlob il-hlas tieghu, meta sar ix-xoghol, u spjega ta' l-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghtih taghrif dwar spejjez ta' *parts* u x-xoghol li saru u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kellha tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa l-kopja tieghu ma' l-ittra ufficcjali. Taghrif li ma hemm ebda accenn ghalih fl-ittra ufficcjali in kwestjoni";

Dan is-sunt ezemplikattiv gie riprodott ghaliex minnu wiehed jifhem ahjar x'ghandu jkun l-element kostitutiv ta' l-ittra ufficcjali ghall-espressjoni legislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Dan mhux minghajr raguni, gjaladarba l-uzu ta' l-att gudizzjarju innovattiv introdott fil-ligi procedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiz bl-iskop li jevita l-procediment gudizzjarju tal-kawza (Artikolu 154 *et sequitur*) u l-hela ta' energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq t-titolu ezekuttiv. Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficcjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-kaz, "l-appalt ta' injam" – imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi grad ahjar li jammetti jew jirripella, skond il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem "appalt fuq l-injam", ma jikkostitwuwx dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. *Inter alia,* meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu, *etcetera.* Wiehed ma jistax ma jfakkarx f'dik il-gurisprudenza li

tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta' konsiderazzjoni, meta kien ghadu jvigi r-rit tac-citazzjoni, fejn l-kawzali taghha tkun espressa bhala "ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi" ("**Fortunata Mizzi -vs- Rosina Coleiro**", Appell Civili, 14 ta' Dicembru, 1949) jew "ghal ragunijiet ohra li jigu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawza" ("**Carmelo Darmenia -vs- Avukat Dottor Charles Moore *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' April, 1964). B'egwal forza magguri dan huwa hekk ukoll il-kaz hawnhekk trattasi li hi l-ittra ufficcjali li tikkreja *per saltum* t-titolu ezekuttiv;

Irid jinghad imbaghad b'rabta ghall-proviso ta' l-Artikolu 789 fuq riferit illi ghall-ittra ufficcjali *de qua* lanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita korrezzjoni gjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha;

Jinzel minn dan kollu li nghad illi meta l-att ta' l-ittra ufficcjali gie mill-appellanti fformulat b'dik il-mankanza tad-"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba", l-istess ma tistax titqies idoneja biex tirragungi l-iskop volut mil-legislatur ghaliex din hi karenti minn dak l-element essenzjali, l-istess hi affetta minn nullita` insanabbli u ghaldaqstant ma tistax lanqas tissarraf fl-ammissibilita taghha bhala strument siewi ghat-titolu ezekuttiv espress bil-Mandat ta' Sekwestru. Filwaqt li din il-Qorti wkoll tirrikonoxxi, bhall-appellanti, illi l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, minn naha l-ohra lanqas m'ghandu pero` jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan igib b'konkluzjoni illi l-interpretazzjoni mghotija lill-ittra ufficcjali mill-ewwel Qorti hi korretta u, gjaladarba, ma jezisti ebda difett ta' motivazzjoni mhix lanqas censurabbli minn din il-Qorti.

Ghall-konsiderazzjonijiet kollha predetti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell, u tikkonferma l-provvediment moghti, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------